**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' DIċembru 2021**

Rikors Numru: 233/21 AL

AB

vs

CD

(MR Number 1978/2006)

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mis-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor William

Azzopardi, li kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. 'B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre li huma ilhom legalment separati ghal iktar minn erba' (4) snin, huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghallotteniment ta' divorzju skond 1-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘C’

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Lulju, 2021;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq talba tal-qorti twiegeb illi m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Novembru 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.